**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR NATASHA GALEA SCIBERRAS**

**Kawża Numru: 34/12**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Johann J. Fenech)**

**vs**

**Fabian Magro**
**(ID 425085(M))**

Illum 30 ta' Settembru 2020

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tal-imputat **Fabian Magro** ta' 25 sena, bin Emanuel u Mary Joyce nee` Gatt, imwieled il-Pieta` fit-23 ta' Awissu 1985, u residenti ġewwa 'Manjoy', Triq il-Kapuċċini, Żabbar, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 425085(M);

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer Maltin fl-10 ta' Frar 2011:

A) Kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħrug mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-

liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kienetx għall-użu esklussiv tiegħu.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni ta' l-Avukat Ġenerali ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex dan il-każ jinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat illi l-Prosekuzzjoni rrimettiet ruħha għall-ġudizzju ta' din il-Qorti u semgħet it-trattazzjoni finali tad-difiża.

**Ikkunsidrat:**

Illi in sostenn tal-imputazzjoni miġjuba kontra l-imputat, il-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi:

i) Ix-xhieda ta' l-**Ispettur Johann J. Fenech**[1] li jgħid illi nhar l-10 ta' Frar 2011, ċertu Kristina Cassar irrapportat ġewwa l-Għassa taż-Żejtun illi hija kienet involuta f'ħabta *bumper to bumper* ma' vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni JBO 494. Din żiedet tgħid illi x-xufier tal-istess vettura beda joffendiha u jlissen kliem faħxi u saq minn fuq il-post ta' l-inċident, fil-waqt illi ħalla warajh lil sieħbu, ċertu Josef Zammit, li qabel kien riekeb miegħu fl-istess vettura. Jgħid illi fuq il-post kienu aċċedew il-pulizija, li sussegwentement sabu l-vettura biċ-ċavetta ġo fiha. Peress illi t-tluq tax-xufier minn fuq il-post qajjem suspett, il-pulizija wettqet tfitxxija fil-vettura, fejn instab qartas bi trab abjad. Jgħid illi x-xufier ġie identifikat bħala l-imputat Fabian Magro ossia l-imputat odjern, li ġie mitkellem mill-Ispettur Arthur Mercieca. L-imputat sostna li ma kienx jaf x'ġara u

[1] Ara a fol. 9 sa 15 tal-proċess.

x'għamel għaliex kien fis-sakra, innega illi s-sustanza fil-vettura kienet tiegħu u sostna illi li ma jiftakarx li qatt xtara droga, li ħa droga jew li dik id-droga kienet fil-vettura tiegħu. L-Ispettur tal-Għassa taż-Żejtun kellem ukoll lil Josef Zammit, li wkoll ċaħad li kien jaf xi ħaġa dwar l-istess sustanza. Ix-xhud jgħid ukoll illi wara li x-Xjenzat Godwin Sammut ikkonferma illi s-sustanza in kwistjoni kienet droga kokaina, nhar is-7 ta' Marzu 2011, huwa reġa' bagħat għall-imputat odjern, li rrilaxxja stqarrija.[2] L-Ispettur Fenech xehed dwar il-kontenut ta' din l-istqarrija u esebixxa żewġ *mobile phones* li nstabu fil-pussess tal-imputat, *sachets* kontenenti traċċi li nstabu fil-vettura, flimkien ma' ħames pilloli ta' lewn abjad u aħmar u *sachets* oħrajn li wkoll instabu fil-vettura, b'kollox disat iqratas mimlijin.

In kontro-eżami, mistoqsi dwar jekk kienx konsapevoli li l-imputat kien diġa` tressaq u proċessat dwar l-istess fatti, ix-xhud jgħid li l-imputat ma kienx tressaq in konnessjoni ma' droga, għalkemm seta' kien il-każ li tressaq il-Qorti in konnessjoni mal-inċident stradali. Mistoqsi jekk il-vettura kinitx fil-pussess tal-imputat fil-ħin tal-inċident, ix-xhud b'referenza għall-istqarrija tal-istess imputat, jgħid illi l-imputat kien stqarr miegħu li dik il-vettura proprjeta` tiegħu kien jagħmel użu minnha huwa biss u li ċavetta *spare* ma kellu ħadd, b'dan illi meta aċċedew il-pulizija tad-distrett il-post, lill-imputat ma sabuhx, iżda sabu minflok lil Josef Zammit.

ii) Ix-xhieda ta' **PC 296 Brian Farrugia**[3] li jgħid illi nhar l-10 ta' Frar 2011 għall-ħabta tal-10.45am, ingħataw struzzjonijiet mill-*Control Room* sabiex jaċċedu ġewwa Triq B'Bugia, Ħal Għaxaq, fejn kienet seħħet ħabta, iżda fil-frattemp ġew diretti mill-*Control Room* sabiex jibqgħu neżlin iżjed 'l isfel minn dik it-triq, stante li kien hemm vettura BMW, b'raġel u mara mal-art. Meta waslu fuq il-post, ma sabu lil ħadd, iżda sabu vettura tal-għamla BMW, bin-numru ta' reġistrazzjoni JBO 494, li kellha t-twieqi miftuħin u li fiha kien hemm ġakketta, *wallet*, ċwievet fl-*ignition* u pakketti bi trab abjad fil-*console* fil-bieba tax-xufier, li kienu viżibbli. Jikkonferma li mal-wasla ma kien hemm ħadd ħdejn il-vettura, u għamlu tfittxija fl-akkwati iżda ma sabu lil ħadd. Jgħid ukoll illi l-vettura kienet ipparkjata fil-ġenb tat-triq, miftuħa, bit-twieqi miftuħin.

[2] Din tinsab esebita a fol. 16 u 17 tal-proċess.
[3] Ara a fol. 18 sa 22 tal-proċess.

iii) Ix-xhieda ta' **PC 233 Adrian Chetcuti**[4] li jgħid illi dakinhar tal-10 ta' Frar 2011, huwa kien xogħol ma' PC 296. Jikkonferma sostanzjalment dak li xehed PC 296 dwar dak li wassal sabiex isibu l-vettura tal-għamla BMW u jgħid illi t-trab abjad fil-plastik kien qiegħed fil-*console* ta' quddiem, fejn jidher. Jgħid illi ma kien hemm ħadd mal-vettura u baqgħu fuq il-post sakemm waslu l-pulizija tad-distrett.

iv) Ix-xhieda ta' **PS 1386 Anthony Agius**[5] li jgħid illi nhar l-10 ta' Frar 2011 għall-ħabta tal-10.45am, ċertu Kristina Cassar irrappurtat fl-Għassa taż-Żejtun illi vettura tal-għamla BMW bin-numru ta' reġistrazzjoni JBO 949, misjuqa minn Josef Zammit, kien ħabtet ġol-*bumper* ta' wara tagħha fi Triq B'Buġia, Ħal Għaxaq. Jgħid illi Cassar irrapportat illi Zammit kien qalilha li l-vettura tagħha ma ġarrbitx ħsarat u għalhekk bdew jargumentaw. Skont Cassar, fil-vettura kien hemm bħala passiġġier ċertu Fabian Magro, li niżel mill-vettura, deher li kien fi stat ta' sokor u beda jinsulentaha u jidgħi. Ftit wara, dan rikeb fil-vettura u telaq minn fuq il-post, fil-waqt li ħalla lil Zammit warajh. Ix-xhud jgħid ukoll illi huma marru jfitxxu l-vettura, li wara rriżulta li kienet ta' Fabian Magro, u sabu lil Josef Zammit viċin Triq B'Bugia, fejn kien seħħ l-inċident, li ta verżjoni simili ferm għal dik ta' Cassar. Jgħid ukoll illi Zammit kien qalilhom illi huwa kien iltaqa' ma' Magro dak il-lejl u peress li Magro kien fis-sakra, huwa kien offra li jsuqlu l-vettura. Fil-frattemp instabet il-vettura u skont l-informazzjoni li daħlet, kien hemm żewġ persuni, mara u raġel, mitlufin minn sensihom, li madankollu ma nstabux meta huma marru fuq il-post. Skont ix-xhud, il-vettura instabet miftuħa, biċ-ċavetta fl-*ignition* u t-twieqi ta' quddiem miftuħin, kien hemm *portmoney* bi ftit flus u ġlekk kannella. Fil-kompartiment tal-bieba ta' quddiem tan-naħa tal-lemin u fil-*console* fin-nofs, kien hemm numru ta' *sachets* tal-plastik li kien fihom sustanza bajda. Ix-xhud esebixxa rapport li ġie redatt minnu bħala Dok. AA.[6] Iżid jgħid illi Josef Zammit kien ittieħed ġewwa l-Għassa taż-Żejtun u wara l-Għassa ta' Raħal Ġdid sabiex isirlu *breathalyser test*, iżda l-apparat ma kienx qiegħed jaħdem. Għamlu wkoll diversi tentattivi sabiex jikkomunikaw ma' Magro u ħallewlu risposta d-dar u dan kien mar ġewwa l-Għassa taż-Żejtun ftit wara u ġie mitkellem mill-Ispettur Arthur Mercieca u wara mill-Ispettur Fenech ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija.

[4] A fol. 23 sa 25 tal-proċess.
[5] A fol. 28 sa 33 tal-proċess.
[6] Ara a fol. 33A tal-proċess.

v) Ix-xhieda ta' **PC 1203 Kurt Schembri**[7] li jgħid sostanzjalment dak li xehed qablu PS 1386 Anthony Agius, kif ukoll illi l-*console* tan-nofs fejn instabu l-pakketti bis-sustanza kien miftuħ u l-pakketti kienu jidhru minn barra. Jgħid ukoll illi dawn kien fihom sustanza bajda. In kontro-eżami x-xhud jgħid illi Cassar għamlet ir-rapport tagħha għall-ħabta tal-10.45 a.m. u indikat illi l-inċident kien seħħ xi ħames minuti qabel. Il-vettura nstabet madwar kwarta jew għoxrin minuta wara. Jgħid ukoll illi Cassar ma kinitx indikat jekk kienx hemm persuni oħra bil-qegħda fuq wara tal-vettura.

vi) Ix-xhieda ta' **Brian Farrugia**[8] li jgħid illi fl-10 ta' Frar 2011, il-vettura tal-għamla BMW 525 ta' lewn griż, bin-numru ta' reġistrazzjoni JBO 494, kienet reġistrata f'isem Fabian Magro, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 425085(M).[9]

vii) Ix-xhieda ta' **Josef Zammit**[10] li jgħid illi fis-sigħat bikrija ta' filgħodu, f'*bar* ġewwa B'Buġia, huwa ra li l-imputat ma kienx fi stat li jsuq u għalhekk saq il-vettura tiegħu. Jgħid illi dan kien għall-ħabta tas-6.30 a.m., marru l-Belt għax kellhom xi qadja, u x'ħin kienu neżlin lejn B'Buġia, seħħet ħabta ma' vettura li kienet qegħda tinstaq quddiemu. Skont ix-xhud, huwa kien ħareġ ikellem lix-xufier ta' din il-vettura u qasam faċċata sabiex jixtri flixkun ilma fil-waqt illi ħalla lix-xufier tal-istess vettura u lil Magro jikkustinjaw bejniethom, iżda meta rritorna lura ma kien hemm ħadd fuq il-post. Kemm ix-xufier tal-vettura l-oħra, kif ukoll Magro kienu telqu. Iżid jgħid illi fuq il-post kienu waslu l-pulizija u huwa mar magħhom fejn kien hemm il-vettura ta' l-imputat u li sussegwentement saret tfittxija f'din il-vettura. Jgħid illi jaf li nstabu xi affarijiet fiha, iżda huwa ma kien jaf xejn dwarhom, li huwa ma mess xejn fil-vettura ħlief dak li kien neċessarju sabiex isuq, li huwa ma rahomx "*għax jien ma ftaħt imkien u allura ma rajt xejn hux*"[11].

viii) Ix-xhieda ta' **l-Ispettur Arthur Mercieca**[12] li jgħid illi nhar l-10 ta' Frar 2011, għall-ħabta tal-10.45am, ċertu Kristina Cassar kienet irraportat fl-Għassa taż-Żejtun illi l-vettura tagħha kienet sfat milquta minn vettura

---

[7] A fol. 36 sa 42 tal-proċess.
[8] A fol. 43 u 44 tal-proċess.
[9] F'dan ir-rigward, ara wkoll id-dokument esebit mix-xhud immarkat bħala Dok. BF, a fol. 45 sa 47 tal-proċess.
[10] A fol. 48 sa 57 tal-proċess.
[11] A fol. 57 tal-proċess.
[12] A fol. 69 sa 72 tal-proċess.

oħra u li l-passiġġier ta' din il-vettura kien niżel jidgħi u saq lil hinn. Jgħid illi ftit wara kien ġie arrestat Josef Zammit, li kkonferma li kien huwa li kien qiegħed isuq il-vettura BMW qabel l-inċident in vista tal-fatt li l-imputat ma kienx fi stat li seta' jsuq u li l-imputat kien telaq minn fuq il-post. Jgħid illi ftit tal-ħin wara, il-pulizija kienet sabet il-vettura, li kienet ipparkjata u miftuħa, u waqt tfittxija li saret fl-istess vettura, instabu fiha ċ-ċwievet, *mobile phone* u xi qratas bojod fl-*ashtray*. Jgħid illi wara li ppruvaw jintraċċjaw lil Magro ġewwa r-residenza tiegħu f'Ħaż-Żabbar, dakinhar stess l-istess Magro kien mar ġewwa l-Għassa taż-Żejtun minn jeddu, ġie arrestat u rrilaxxja stqarrija dakinhar stess, kif ukoll l-għada, 11 ta' Frar 2011. Dawn l-istqarrijiet ġew esebiti bħala Dok. AM 1 u AM 2.[13] Ix-xhud iżid jgħid illi l-vettura u l-affarijiet li nstabu ġew elevati u għaraf lill-imputat odjern bħala Fabian Magro.

ix) Ix-xhieda tal-**espert ix-Xjenzat Godwin Sammut**[14], maħtur mill-Qorti b'digriet tas-7 ta' Frar 2014 sabiex janalizza s-sustanzi esebiti mill-Ispettur Fenech fis-seduta tal-20 ta' Settembru 2013 u formanti parti minn Dok. JF 2, JF 3 u JF 4, li esebixxa r-relazzjoni tiegħu.[15] Mill-istess relazzjoni jirriżulta illi huwa ngħata s-segwenti dokumenti għall-analiżi tiegħu u ċioe` i) *envelope* kannella mmarkat bħala JF 4 (S/B/605/2013) li fih: *envelope* kannella ieħor kontenenti seba' (7) pakketti zgħar tal-plastik trasparenti li fihom sustanza ta' lewn safra u żewġ (2) biċċiet plastik li kien fihom sustanza ta' lewn bajda; ii) *envelope* kannella mmarkat bħala JF 3 (S/B/604/2013) li fih: *envelope* kannella ieħor li fih pakkett żgħir tal-plastik trasparenti li fih sustanza ta' lewn safra; iii) *envelope* kannella mmarkat bħala JF 2 (S/B/603/2013) li fih: *envelope* kannella ieħor kontenenti ħames (5) pakketti zgħar tal-plastik trasparenti vojta u ħames (5) kapsuli ta' lewn ħomor/bojod.

Dwar dawn, l-istess espert ikkonkluda illi fl-estratti meħuda mis-sustanza ta' lewn safra u mit-trab ta' lewn abjad fid-dokumenti fuq indikati, instabet is-sustanza <u>kokaina</u>. Il-piż total tas-sustanza kien ta' 3.81 grammi. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-liġi taħt l-Ewwel Skeda, Taqsima I, tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

---

[13] Ara a fol. 73 sa 76 tal-proċess.
[14] A fol. 85 sa 88 tal-proċess.
[15] A fol. 89 *et seq* tal-proċess.

Skont l-istess espert, is-sustanza safra kienet bħal imxarrba u illi dan jinċidi fuq il-piż, fis-sens illi s-sustanza titqal. Fix-xhieda tiegħu l-istess espert jgħid ukoll illi stante li s-sustanza kienet imxarrba, lanqas ma seta' joħroġ il-purita` tagħha għall-kokaina, iżda jżid jgħid illi "*Kokaina hija zgur*"[16].

x) Ix-xhieda ta' **PC 1042 Aaron Caruana**[17], li kien xhud tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat, esebita bħala Dok. AM 2.

xi) Ix-xhieda ta' **PS 1429 Eric Mangion**[18], li kien xhud tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat, esebita bħala Dok. AM 1.

xii) Ix-xhieda ta' **PS 642 Joseph Camilleri**[19], li kien xhud tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat, esebita bħala Dok. JF.

xiii) Ix-xhieda ta' **Kristina Cassar**[20] li tispjega kif seħħ l-inċident stradali nhar l-10 ta' Frar 2011, inkluż illi wara l-ħabta li seħħet fit-triq li tagħti għall-B'Buġia, hija ħarġet mill-vettura tagħha, resqet lejn ix-xufier u staqsiet jekk indunawx li kienu daħlu fiha, f'liema punt, il-passiġġier beda jkellimha ħazin u jidgħi u ħareġ mill-vettura. Daħlilha fil-vettura tagħha u eventwalment wara li baqa' jidgħi, daħal fil-vettura tiegħu u wara li skont hi, anke saq fuqha u qalibha fuq il-*bonnett* tal-vettura tiegħu u laqtilha l-ġenb tal-vettura tagħha, saq lejn id-direzzjoni ta' B'Buġia. Tgħid ukoll illi dak li qabel kien qed isuq il-vettura baqa' f'nofs it-triq, qisu miblugħ. Ix-xhud għarfet lill-imputat bħala l-persuna li oriġinarjament kien passiġġier fil-vettura tal-għamla BMW u li sussegwentement saq fuqha.

Illi da parti tagħha, id-difiża ressqet is-segwenti xhieda u provi:

i) Ix-xhieda tal-imputat **Fabian Magro**[21] li xehed li huwa kien tressaq quddiem il-Qorti akkużat li saq vettura fi stat ta' sokor u li kien ingħata multa. Huwa kkonferma bil-ġurament it-tliet stqarrijiet li ġew rilaxxjati minnu u jinsisti illi huwa ma għandu x'jaqsam xejn mad-droga li nstabet fil-vettura tiegħu, illi huwa ma jieħux droga u ma jafx u ma jiftakarx x'ġara għax kien fis-sakra, illi huwa ma jafx bid-droga u ma jafx kif din spiċċat

---

[16] A fol. 87 tal-proċess.
[17] A fol. 112 sa 115 tal-proċess.
[18] A fol. 116 sa 118 tal-proċess.
[19] A fol. 119 u 120 tal-proċess.
[20] A fol. 121 sa 128 tal-proċess.
[21] A fol. 132 sa 151 tal-proċess.

hemmhekk, illi qabel ħareġ mid-dar huwa ma kellux droga "*u nibqa' nsostni li dawk tefaghhom xi hadd hemm hekk*"[22], ma jiftakarx li xtara droga, ma biegħx droga u fuq kollox li ma jiftakar xejn mill-akkadut minħabba l-istat ta' sokor li kien fih. Dwar il-pilloli li nstabu fil-vettura tiegħu, ix-xhud jgħid illi dawn kienu tal-*gym*. Jgħid illi dakinhar, huwa kien ħareġ waħdu għall-ħabta tad-9.30 p.m. Jgħid ukoll illi li huwa kien xtara żewġ jew tliet *drinks* u li persuna li kien hemm mal-*bar* kienet tagħtu minn flixkun *vodka* li kellha, u dan fil-waqt li ċ-ċavetta tal-vettura tiegħu kienet fuq il-*bar*. Jgħid madanakollu li ma jiftakarx wisq, lanqas li kien iltaqa' ma' Zammit u li dan kien saq il-karozza tiegħu. Huwa ma kienx talab lil Zammit biex isuqu. L-imputat jinsisti li d-droga li nstabet ma kinitx tiegħu, illi huwa m'għamilx użu mid-droga "*u nibqa' nghid li dawk tefaghhom xi hadd zgur. Jew min kien mieghi gol-karozza jew ma nafx*".[23]

ii) Ix-xhieda ta' **Godwin Sammut**[24] li jgħid illi minkejja li s-sustanza tkun imxarrba, la darba tinxef, xorta waħda tkun tajba għall-konsum.

iii) Ix-xhieda ta' **Stephen Cachia**[25] li jgħid illi l-vettura tal-għamla BMW 525 bin-numru ta' reġistrazzjoni JBO 494 ġiet manifatturata fl-2005 u ġiet reġistrata f'Malta fis-17 ta' Novembru 2010 bħala vettura *second hand*.

iv) Ix-xhieda ta' l-**espert PS 659 Jeffrey Hughes**[26], maħtur mill-Qorti fuq talba tad-difiża, sabiex jeleva impronti diġitali minn fuq il-pakketti u l-biċċiet tal-plastik li kienu jikkontjenu s-sustanza in kwistjoni[27]. Mix-xhieda tal-istess espert u mir-relazzjoni tiegħu, jirriżulta illi ma ġie nnotat l-ebda żvilupp ta' marki tas-swaba fuq id-dokumenti ndikati fl-istess relazzjoni.[28]

v) Ix-xhieda tal-Uffiċjal tal-*Probation* **Joanna Farrugia**[29] li ppreżentat *Social Inquiry Report*[30] fir-rigward tal-imputat, mil-liema jirriżulta *inter alia* illi l-testijiet tal-kampjuni tal-urina li ttieħdu lill-imputat f'Mejju u f'Ġunju 2018 irriżultaw fin-negattiv.

---

[22] A fol. 138 tal-proċess.
[23] A fol. 148 tal-proċess.
[24] A fol. 154 sa 157 tal-proċess.
[25] A fol. 161 sa 163 tal-proċess.
[26] A fol. 166 u 167 tal-proċess.
[27] Ara a fol. 153 tal-proċess.
[28] Din ir-relazzjoni tinsab esebita a fol. 168 sa 172 tal-proċess.
[29] A fol. 176 u 177 tal-proċess.
[30] Ara a fol. 178 *et seq* tal-proċess.

**Ikkunsidrat ukoll:**

**L-Eċċezzjoni *Ne bis in Idem***

Fl-ewwel lok u preliminarjament id-difiża qajjmet l-eċċezzjoni ta' *ne bis in idem*, u għalhekk issostni illi l-Prosekuzzjoni ma kellhiex tipproċedi bl-akkużi tal-lum, ġialadarba l-imputat diġa` tressaq quddiem il-Qorti u ġie mixli dwar fatti li seħħew fil-jum li għalih tirreferi l-imputazzjoni odjerna.

Jirriżulta mill-atti illi l-imputat kien fil-fatt ġie mixli quddiem din il-Qorti, kif diversament preseduta, b'diversi imputazzjonijiet indikati fis-sentenza tas-6 ta' Diċembru 2011, liema sentenza ġiet esebita f'dawn il-proċeduri fis-seduta tat-13 ta' Novembru 2013[31]. Dawn l-imputazzjonijiet jikkontemplaw reati taħt il-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta rigwardanti sewqan fi stat ma' sokor jew taħt l-influwenza tad-droga, kif ukoll sewqan traskurat u perikoluż, u reati oħrajn ta' natura kontravenzjonali ai termini tal-Artikoli 339(1)(e), 338(bb), 338(ff) u 342 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta rigwardanti insulti fil-konfront ta' Christina Cassar, it-tlissin ta' kliem faħxi li jikkonsisti f'dagħa fil-pubbliku u sokor f'lok pubbliku, b'tali mod illi l-imputat ma setax jieħu ħsieb tiegħu nniffsu, liema imputazzjonijiet kienu lkoll jirreferu għall-jum tal-10 ta' Frar 2011 għall-ħabta tal-l0.15am fi Triq Birżebbuġia, Ħal-Għaxaq. Huwa evidenti għalhekk illi f'dik l-istanza, l-imputat ma ġiex mixli b'xi għemil li jikkostitwixxi reat ai termini tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u tar-Regolamenti taħt l-imsemmi Att.

Illi f'din l-istanza, mill-banda l-oħra, l-imputat qiegħed jiġi mixli illi nhar l-10 ta' Frar 2011, f'dawn il-Gżejjer, huwa kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina, biċ-ċirkostanzi aggravanti li tali droga ma kienetx intiża għall-użu esklussiv tiegħu.

Jirriżulta għalhekk mhux biss illi l-akkużi fiż-żewġ proċedimenti penali huma nettament diversi, iżda wkoll illi l-unika fatt komuni fil-mertu bejn iż-żewġ proċedimenti huwa l-jum tal-10 ta' Frar 2011, li fih il-Prosekuzzjoni allegat (fl-ewwel proċeduri) u qegħda tallega (fil-proċeduri tal-lum) li l-imputat wettaq ir-reati lilu addebbitati.

[31] Ara a fol. 27A u 27B tal-proċess.

Da parti tagħha u sabiex tirribatti l-eċċezzjoni mqanqla mid-difiża, il-Prosekuzzjoni esebiet is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-23 ta' Jannar 2014, fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Victor Aquilian) vs George Azzopardi**. Ma jkunx barra minn loku li l-Qorti tiċċita *verbatim* il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti f'din is-sentenza:

> "*Il-principju ta' ne bis in idem huwa rikonoxxut u trattat fil-Ligi taghna fl-Artiklu 527 tal-Kodici Kriminali u fl-Artiklu 39 (9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta. L-Artiklu 527 jghid, "Wara Sentenza li f'kawza tillibera mputat jew akkuzat, dan ma jistax ghall-istess fatt ikun suggett ghal kawza ohra". L-Artiklu 39 (9) jghid, "Ebda persuna li turi li tkun ghaddiet proceduri quddiem xi Qorti kompetenti ghal reat kriminali u jew tkun giet misjuba hatja jew liberata ma ghandha terga tghaddi proceduri ghal dak ir-reat jew ghal xi reat kriminali iehor li ghalih setghet tigi misjuba hatja fil-proceduri ghal dak ir-reat hlief wara ordni ta' Qorti Superjuri moghoti matul il-kors ta' appell jew proceduri ta' rivizjoni dwar id-dikjerazzjoni ta' htija jew liberazzjoni; u ebda persuna ma ghandha tghaddi proceduri ghall-reat kriminali jekk turi li tkun hadet il-mahfra ghal dak ir-reat ... ".*
>
> *Ikkunsidrat.*
>
> *L-ewwel Qorti tidher illi tat tifsira pjutost wiesgha ghall-fatt illi persuna tkun akkuzata <u>ghall-istess fatt</u> li tkun suggetta ghal kawza ohra, fil-fatt fis-Sentenza taghha qalet, "Illi ma hemmx id-dubju illi r-reati li dwarhom instab hati l-imputat fis-Sentenza tat-18 ta' Gunju, 2010 u r-reati li dwarhom huwa jinstab akkuzat illum kollha jirreferu ghall-istess incident u cioe' l-istess fatti li sehhew fl-24 ta' Jannar, 2009." Din il-Qorti tirrileva illi filwaqt illi tista tifhem illi hawn si tratt ghal dan l-istess incident zgur pero' mhux ghall-istess fatti.* [sottolinear ta' dik il-Qorti]
>
> *Ikkunsidrat.*
>
> *Dak illi gara fl-24 ta' Jannar, 2009 meta gie arrestat l-appellat jirreferi ghal zewg reati nettament distinti u separati minn xulxin. Wiehed jirreferi ghall-lottu klandestin u l-iehor jirreferi ghat-tehid tad-droga. Il-fatti u l-provi li jirreferu ghal wahda zgur ma jirreferux ghall-iehor. Hekk insibu illi fil-kaz tal-lottu klandestin il-provi jirreferu ghad-dokument, kotba, notamenti u flus illi nstabu fuq l-appellat dakinhar illi gie arrestat. Il-provi illi jirreferu ghall-akkuza kontra l-Ordinanza tal-Medicini Perikoluzi jirreferi ghan-nuqqas ta' awtorizazzjoni ghal*

*pusses ta' din id-droga u l-kwantita taghha u c-cirkostanzi illi kienet fil-pussess ta' l-appellat. L-ewwel Qorti gustament ikkwotat il-kawza "Sua Maesta il-Re vs Agatha Mifsud u Carmelo Galea" (15 ta' Gunju, 1918) fejn ikkwotat gurisprudenza Ingliza u cioe` "The true test by which the question whether such a plea (ie autrefoit acquit) is a sufficient bar in any particular case may be tried, is whether the evidence to support the second endowment would have been sufficient to proof a legal conviction upon the first." F'dan il-kaz zgur li ma jistax jinghad illi l-provi migbura fit-tieni process, cioe` dan il-kaz kellhom ikunu bizzejed sabiex jippruvaw htija dwar l-ewwel reat, dak ta' lottu klandestin. Ghalhek ma nistghux nghidu illi hawnhekk si tratta ta' l-istess fatti u l-Artiklu 527 tal-Kodici Kriminali ma japplikax. Ghal dak li jirrigwardja l-Artiklu 39 (9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta l-kliem testwali illi jorbot kollox huwa, "Ghal dak ir-reat jew ghal xi reat kriminali iehor li ghalih setghet tigi misjuba hatja fil-proceduri ghal dak ir-reat ...". L-interpretazzjoni korretta li ghandha tinghata lil din id-dicitura hi li persuna ma tistax tingieb il-Qorti twiegeb ghall-akkuzi li dwarhom diga ghadda ingudikat jekk l-akkuzi l-godda setghu jigu nkorporati, involuti jew alternattivi ghall-ewwel akkuza. Per ezempju jekk ghall-istess fatt persuna tigi misjuba hatja ta' serq ma tistax tigi mresqa f'kawza ohra ghall-istess fatt din id-darba akkuzat b'misapproprazzjoni. Jghodd ukoll l-ezempju li gab l-Avukat Generali meta persuna tkun mixlija bir-reat ta' tentattiv ta' omicidju f'kaz wiehed u ghall-istess cirkostanzi u fatt ikun mixli f'kaz iehor ghal ferita gravi u dana peress illi wiehed huwa kompriz u nvolut fl-iehor. Forsi ghall-ahjar soluzzjoni ta' din il-vertenza jkun ghaqli illi l-Qorti tirrikorri ghall-origini ta' din id-dicitura ne bis in idem u cioe` ghad-dritt Roman fejn dana jghallem illi, "Nemo debet bis vexari si constat curie quodsit pro una et eadem causa" Hadd ma ghandu jigi pprocessat darbtejn jekk jigi ppruvat lill-Qorti jekk dana huwa, "For one and the same cause". Taht l-ebda tigbid ta' l-immaginazzjoni ma nistghu nghidu illi l-akkuza kontra l-lottu klandestin hija l-istess bhall-akkuza kontra l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi. <u>Kif ga nghad ghad illi dan l-incident huwa wiehed il-persuna hija wahda pero` l-fatti li jirrigwardjaw akkuza minnhom huma ferm differenti mill-fatti illi jirrigwardjaw it-tieni akkuza u zgur illi hawnhekk m'ghandniex one and the same cause</u>. Ghal dak li jirrigwardja r-recidiva jigi rilevat illi dan l-addebitu mhuwiex reat izda se mai haga li tigi kkunsidrata ghal fini ta' piena jekk ikun il-kaz ghax il-Qorti dejjem tista tikkonsidra jekk*

*fl-ewwel Sentenza kontra l-appellat fit-18 ta' Gunju, 2010 dan l-addebitu giex ikkunsidrat jew le.*" [sottolinear ta' din il-Qorti]

Magħmula dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti ċaħdet l-eċċezzjoni ta' *ne bis in idem* u ordnat il-prosegwiment tal-proċeduri fil-mertu quddiem din il-Qorti, kif diversement presjeduta.

Eżami akkurat ta' dan il-principju sar ukoll minn din il-Qorti, kif diversement preseduta, fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ramon Mifsud Grech et**[32], deċiża fil-5 ta' Novembru 2012, fejn il-Qorti irriteniet u spjegat hekk dwar l-applikazzjoni tal-eċċezzjoni *ne bis in idem*:

> *"Illi l-principju tan-ne bis in idem jinsab imhaddan mhux biss fid-dritt penali taghna u cioé fil-Kodici Kriminali izda ukoll fil-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Hemm distinzjoni netta bejn dana il-principju kif inhu imhaddan fil-Kodici Kriminali u dak imhares mill-Kostituzzjoni taghna, kif ukoll distinzjoni ma' dak dikjarat fir-raba' artikolu tas-Seba Protokol tal-Konvenzjoni. Mentri Artikolu 527 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jirreferi ghall-"istess fatt", Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jirreferi ghall-"[istess] reat".*
>
> *…*
>
> *… l-Kodici Kriminali jippostula zewg elementi importanti: fl-ewwel lok, irid ikun hemm sentenza fejn l-imputat jigi liberat mill-akkuzi u, fit-tieni lok, illi l-istess persuna ma tigix sottoposta ghal proceduri godda dwar l-istess "fatt" (u mhux l-istess "reat"). A rigward il-kriterji rikjesti mill-Artikolu 527, jirrizulta illi l-imputati tal-kawza odjerna huma l-istess imputati tas-sentenza tat-23 ta' April 2012. Diga gie sottolineat aktar qabel fejn tinsab id-differenza bejn iz-zewg kawzi. Jirrizulta li l-imputazzjonijiet originali, ghajr ghal tnejn (li thallew barra), gew trasportati fil-kawza odjerna u d-differenza bejn l-akkuza li ghaddiet in gudikat u dik odjerna hija li f'din ta' l-ahhar il-hin huwa "fil-lejl ta' bejn l-24 u l-25 t'Ottubru 2009 ghall-habta ta' xi t-tlieta u nofs ta' fil-ghodu" mentri fil-kaz deciz f'April 2012, l-akkuza kienet: "fil-25 ta' Ottubru 2009 ghall-habta ta' xi l-hdax ta' fil-ghaxija". Ghalhekk dak li din il-Qorti trid tiddeciedi dwaru huwa jekk dawn iz-*

[32] 5 ta' Novembru 2012, Numru 498/2012

*zewg akkuzi jammontawx ghall-istess "fatt" skond id-dispost talArtikolu 527 tal-Kapitolu 9.*

*Illi fin-noti tieghu, il-Profs Mamo jghid hekk:*

*"But it must be strongly emphasised that for the plea to succeed the fresh proceedings must be based on the very same fact. (Cr. App. "Pol. vs. Piscopo" 21/3/1953)".*

*Illi l-Profs Mamo jghid ukoll is-segwenti:*

*"What is particularly essential is to have a notion of what the law means by <u>the same fact</u>. In "Rex vs. Agata Mifsud et" (15/5/1918) Law Reports, Vol. XXIII, p. 1, p. 1077, H.M.'s Criminal Court said: "Per giudicare se si tratti di fatti identici o diversi, bisogna esaminare se il corpo del delitto rimanga lo stesso, pur cambiandosene la qualificazione, o in altri termini, se la materialita' del fatto rimane inalterata malgrado la diversa qualificazione legale che gli venga attribuita". In other words, if the <u>fact</u> on which the subsequent charge is made is the same as that in respect of which the previous judgment was given, the plea lies notwithstanding that the subsequent charge is an offence different from that charge in the previous trial".*[33]

*Illi fil-kawza fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs Anthony Vella et***[34]*, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk:*

*"<u>Bl-espressjoni l-istess att wiehed ghandu jifhem il-fatt fizikament rigwardat konsistenti ghalhekk kemm fl-element materjali – att ta' kommissjoni jew ommissjoni – kif ukoll dak formali tieghu</u>. Mhux bizzejjed li l-fatt ikun jirrigwarda l-istess oggett: Hekk per ezempju min f'okkazzjoni partikolari jaghmel hsara volontarja fuq proprjeta` ta' haddiehor u f'okkazzjoni ohra jerga' jaghmel l-istess tip ta' hsara fuq l-istess proprjeta` ma jista' bl-ebda mod jecepixxi r-res judicata."*

*Illi ta' min jinnota li fil-kaz* ***Il-Pulizija vs. Joseph Cini****, deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Lulju 1996, il-Qorti trattat l-eccezzjoni ta'*

---

[33] Hawnhekk il-Qorti kienet qegħda tiċċita min-*Notes on Criminal Procedure, a fol.* 43-44.
[34] Deċiża fid-19 ta' Frar 1999.

*ne bis in idem f'reat li sehh ftit hin qabel reat iehor li kien ghadda in gudikat. Kif irriteniet dik il-Qorti:*

*"l-imputazzjonijiet f'dik is-sentenza l-ohra jirreferu ghal incident li gara qabel, ghalkemm fl-istess gurnata, u fl-istess lock up, cioé ghall-incident li sehh xi siegha u nofs (1.30pm) ta' wara nofs inhar".*

*Dik il-Qorti ghalhekk iddecidiet li l-fatti ma kienux l-istess.*

*...*

*Illi f'kaz simili hafna ghal dak odjern, cioé il-kaz* ***Il-Pulizija vs. Nicolai (Nicolai-Christian) Magrin****, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali laqghet l-eccezzjoni ta' ne bis in idem in segwitu ta' bidla fil-hin ta' meta allegatament sehhew l-imputazzjonijiet kontra l-imputat.*"

In segwitu għal din id-deċizjoni, il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha tas-17 ta' Marzu 2008 irreferiet għat-test applikat fis-sentenza fil-kawża **<u>Sua Maesta' il-Re vs Agata Mifsud e Carmelo Galea</u>** [15.6.1918], fuq ċitata, iżda ddeċidiet li l-eċċezzjoni ta' *ne bis in idem* ma kinitx tapplika f'dan il-każ u b'hekk irrevokat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati. Sussegwentement, l-imputat f'dik il-kawża ressaq l-ilment tiegħu quddiem il-Qorti Kostituzzjonali li ddeċidiet li kien hemm leżjoni tad-drittijiet tiegħu meta ġie sottopost għall-proċeduri ġodda dwar l-istess reati li dwarhom kien diġa` ġie akkużat u anke lliberat mill-Qorti. Fis-sentenza tagħha, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Nicolai (Nicolai-Christian) Magrin</u>** tas-26 ta' Marzu 2009, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) qalet hekk:

*"Illi huwa wkoll stabilit*[35] *li l-principju tan-ne bis in idem imhares fl-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jimplika li persuna li tkun ghaddiet minn process dwar reat, m'ghandha qatt terga' tghaddi minn process iehor dwar tali reat jew dwar reati ohra li setghet tinstab hatja dwarhom fl-ewwel process.*

*[...]*

*Illi [...] dana is-subartikolu fil-Kostituzzjoni jaghti harsien usa lill-persuna mixlija minn dak moghti mill-artikolu 527 tal-Kodici*

[35] Kost. 4.8.1999 fil-kawża fl-ismijiet **Fenech vs Avukat Ġenerali** (Kollez. Vol: LXXXIII.i.213).

*Kriminali, sewwa sew ghaliex jgholli l-eccezzjoni tan-ne bis in idem ghall-livell ta' garanzija kostituzzjonali bil-konsegwenza li persuna li jkollha dan il-jedd mhedded jew attwalment miksur quddiem qorti kriminali ghandha l-jedd tirrikorri ghall-protezzjoni quddiem qorti ta' xejra kostituzzjonali.*

*[...]*

*Illi meta wiehed jitkellem dwar l-eccezzjoni tan-ne bis in idem fil-qasam tad-dritt penali taht l-ordinament guridiku taghna, wiehed iqies li jehtieg jintwera li l-persuna li tkun tqieghdet taht akkuza ohra trid tkun l-istess wahda li kienet tqieghdet taht l-ewwel procedura u wkoll li tkun hekk tressqet dwar l-istess fatt.*

*[...]*

*Illi fil-qasam tad-dritt penali jidher li huwa principju accettat li, bi thaddim tar-regola ne bis in idem: "The criminal action is extinguished ... when there has been one act on the part of the accused and he has already been convicted (or acquitted) of an offence founded on such act, and afterwards, he is again brought up for judgment on a different charge, but founded on the same act."*[36]

*Illi din il-Qorti tifhem li jekk kemm-il darba t-tifsira moghtija lill-artikolu 527 tal-Kodici Kriminali hija b'mod tali li izzomm milli persuna terga' titressaq mixlija dwar fatt li dwaru kienet diga' tressqet taht procedura li ntemmet b'sentenza li saret gudikat, wiehed jistenna li t-thaddim tar-regola migjuba fl-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ghandu jkun jghodd izjed biex ihares dak il-jedd. Fi kliem iehor, il-garanziji kostituzzjonali ma jistghux ikunu applikati b'xehha jew b'anqas qawwa meta mqabblin mal-garanziji li taghti l-ligi ordinarja kif tinsab fil-Kodici Kriminali".*

Kompliet hekk il-Qorti fis-sentenza **Il-Pulizija vs Ramon Mifsud Grech et** b'referenza għas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali appena ċitata:

[36] App. Krim. Inf. 15.11.1941 fil-kawża fl-ismijiet **Giuseppe Baldacchino vs Giuseppe Buhagiar** (kif imsemmija fil-ktieb "Recent Criminal Cases Annotated" tal-Prof. W. Harding).

"*Illi jkun ghaqli li ssir riferenza ghal dak li qalet il-Qorti fis-sentenza t'hawn fuq, meta din ghamlet riferenza diretta ghal dak li kellha quddiemha. Il-Qorti qalet:*

*"Illi meta wieħed iqabbel l-akkużi mressqin kontra l-imputat fl-ewwel procedura ma' dawk li qegħdin jitressqu issa fit-tieni procedura, wieħed għandu jsib li l-akkużi kollha f'din it-tieni procedura kienu msemmija, kelma b'kelma, fl-ewwel akkuża (liema Taħrika kellha tliet imputazzjonijiet oħra li ma jiffigurawx fit-tieni procedura). Id-dispożizzjonijiet tal-ligi msemmija fiż-żewg Taħrikiet huma l-istess fejn jirrigwarda l-akkużi komuni. Il-fatt li għalih jirreferu ż-żewg Taħrikiet huwa l-istess.*

*Illi din il-Qorti tislet il-fehma li l-imputat għandu ragun iħoss li, bit-tieni procediment li qiegħed jgħaddi minnu, qed iseħħ ksur tal-jedd fundamentali tiegħu taħt l-imsemmi artikolu tal-Kostituzzjoni. Meta wieħed iqabbel l-akkużi li kellu fl-ewwel proeediment ma' dawk li tressqu kontrih fil-procediment attwali, wieħed isib li c-cirkostanza ewlenija li tagħżel bejn tal-ewwel u tat-tieni hija l-ħin li fih allegatament seħħ il-każ. Din il-Qorti hija tal-fehma li l-elementi kostitutivi (l-"elementi essenzjali"), jigifieri kemm dak materjali (l-"actus") u kemm dak formali (il-"mens") tar-reati ipotiżżati fiż-żewg akkużi kontra r-rikorrent, jixxiebhu f'kollox. Il-ħin m'huwiex element kostitutiv tagħhom, u l-istess reati – jekk ippruvati kif imiss – jitqiesu bl-istess mod indipendentement mill-ħin li fih twettqu. Lanqas ma jidher li huwa l-każ li l-ħin jikkostitwixxi xi element aggravanti ta' dawk ir-reati, iżda huwa biss cirkostanza oħra li trid tirriżulta kif imiss biex torbot lill-persuna akkużata mal-fatt tal-grajja nnifisha.* [sottolinear tal-Qorti]

*Illi l-Avukat Generali jisħaq li d-differenza fil-ħin bejn dak imsemmi fl-ewwel akkuża (li minnha r-rikorrenti nħeles) u dak imsemmi fit-tieni akkuża (li dwarha tressqet din ir-Riferenza) jagħmel non-"idem" għaliex jgħid li l-ħin tant kien element krucjali, li minħabba n-nuqqas ta' indikazzjoni tajba tiegħu r-rikorrent inħeles mill-akkużi migjuba kontrih. Din il-Qorti ma tistax tilqa' dan l-argument, l-iżjed meta tkejlu mal-kriterji gurisprudenzjali msemmija aktar 'il fuq dwar x'jikkostitwixxi l-identita' tal-akkuża għall-finijiet tar-regola hawn mistħarrga.*"

Fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Ramon Mifsud Grech et</u>**, din il-Qorti kif diversament preseduta għamlet referenza wkoll għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Christian Grech</u>** tal-14 ta' Mejju 2012, fejn intqal hekk:

> "*Id-difiza tissottometti li hemm 'overlapping' bejn qligh li gej mill-prostituzzjoni (li jkun parti mir-reat) u l-money laundering. Izda bir-rispett kollu dan mhux legalment korrett. Fil-Money Laundering, wiehed ikun akkuzat li kkonverta jew ittrasferixxa propjeta` li kien jaf li gejja mir-rikavat ta' attivita` kriminali jew li heba jew wera haga b'ohra tal-vera xorta, provenjenza, lok dispozizzjoni ta' propjeta` li jkun jaf li gejja direttament jew indirettament minn attivita` kriminali. U l-ligi tipprospetta tliet sitwazzjonijiet ohra ta' kif jista' jsir il-hasil tal-flus. Mela jekk wiehed ghandu traffikar ta' persuni jew qed jghix minn fuq il-prostituzzjoni mhux ekwivalenti ghal li jaqbad dak il-qligh u jittrasferih jew jahbih jew jaghtih lil haddiehor biex izommhulu. Is-sustanza tat-tieni reat hija għal kollox differenti mis-sustanza tal-ewwel reat. Isegwi li m'hemm ebda overlapping bejn ir-reat li bih huwa akkużat l-akkużat innifsu fi proċeduri oħrajn u r-reat tal-money laundering. Il-fatti huma għal kollox differenti u la l-fatti huma differenti għal kollox m'hemmx każ ta' 'ne bis in idem'*".

**Ikkunsidat:**

Fermi dawn il-kunsiderazzjonijiet ta' natura legali, din il-Qorti ma tikkondividix l-interpretazzjoni tad-difiża illi f'dan il-każ issib applikazzjoni l-eċċezzjoni ta' *ne bis in idem* b'referenza ghall-imputazzjoni addebitata lill-imputat odjern.

Huwa ċar fl-ewwel lok illi l-imputazzjoni rigwardanti l-pussess tad-droga li biha jinsab mixli l-imputat illum, ma tikkontemplax l-<u>istess reat</u> li jikkontemplaw l-imputazzjonijiet rigwardanti s-sewqan, il-kliem u l-istat li kien fih l-istess imputat u li bihom huwa ġie mixli fl-ewwel istanza. Dak li jrid jiġi determinat għalhekk huwa jekk dan ir-reat divers u distint ġiex addebitat lill-imputat a bażi tal-<u>istess fatti</u>.

Illi b'referenza għas-sentenzi ċitati iżjed 'il fuq, huwa evidenti illi ghalkemm wieħed jista' jgħid illi <u>kien inċident wieħed</u>, u ċioe` dak li seħħ fl-10 ta' Frar 2011, illi wassal kemm għall-imputazzjonijiet fl-ewwel istanza, kif ukoll għall-imputazzjoni odjerna, il-fatti li taw lok għall-imputazzjoni dwar ir-reat tal-pussess ta' droga ma humiex l-istess fatti li taw lok għall-imputazzjonijiet dwar is-sewqan u r-reati l-oħrajn ta' natura kontravenzjonali, li dwarhom l-imputat ġie ġudikat permezz tas-sentenza tas-

6 ta' Diċembru 2011. Minkejja li hawnhekk si tratta dwar l-istess inċident, żgur għalhekk illi mhux għall-istess fatti. Ir-reati in kwistjoni u anke l-fatti li jsawwruhom huma kompletament distinti u separati minn xulxin u ċertament illi ma jistax jingħad illi l-provi miġbura f'dak il-proċess quddiem il-Qorti kif diversament preseduta, kellhom ikunu biżżejjed sabiex juru l-ħtija tal-imputat fil-proċess tal-lum. F'dak il-każ, il-pern tal-kwistjoni kollha kienet is-sewqan perikoluż tal-imputat, il-kliem tiegħu anke kif indirizzat lil Christina Cassar u l-istat ta' sokor tiegħu fil-pubbliku, mentri fil-każ odjern, il-prova meħtieġa mill-Prosekuzzjoni hija ben diversa u distinta, konsistenti fil-fatt illi l-imputat kien fil-pussess tad-droga kokaina u għalhekk m'għandha x'taqsam xejn il-prova dwar is-sewqan perikoluż o meno tal-imputat, jew dwar il-kliem li lissen l-imputat fil-pubbliku u fil-konfront ta' Christina Cassar jew dwar l-istat li fih kien jinsab l-istess u li bħala konsegwenza tagħhom, ġie mixli bihom f'dak il-proċess. Kif ingħad fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Philip Ciantar</u>**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Dicembru 1961:

> "*Ghalkemm hu veru li bil-kelma "fatt" il-ligi tintendi mhux biss il-fatt sempliciment storiku jew naturali, imma anke guridiku, b'mod illi, jekk il-fatt naturali jaghti lok ghal diversi mputazzjonijiet, id-deduzzjoni ta' titolu ta' reat wiehed hija ta' ostakolu ghad-deduzzjoni ta' titolu ta' reat iehor fuq l-istess fatt, hu ugwalmentu veru, pero`, li, jekk il-fatt naturali hu divers, allura ma jistghax ikun hemm lok ghall-"non bis in idem".*

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ma tqisx illi jikkonkorru l-elementi meħtieġa sabiex tirnexxi l-eċċezzjoni ta' *ne bis in idem* dwar l-imputazzjoni odjerna u għaldaqstant din l-eċċezzjoni qegħda tiġi miċħuda.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Sorvolata din l-eċċezzjoni, il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkunsidra l-kawża fil-mertu.

Il-fatti li taw lok għall-proċeduri odjerni huma pjuttost sempliċi. Ġara illi fil-lejl ta' bejn id-9 u l-10 ta' Frar 2011, l-imputat ħareġ mid-dar u waħdu saq il-vettura tiegħu lejn il-*Carribean Bar* f'Birżebbugia. Hemmhekk huwa kkonsma ammont kopjuż ta' xort alkoħoliku, tant illi skont hu, ftit li xejn jiftakar kif prosegwa dak il-lejl. Ġara wkoll illi ċertu Josef Zammit ra li l-imputat ma kienx f'kundizzjoni li jsuq, u għalhekk, sabiex jiġi evitat xi inċident, dan għażel li jsuq il-vettura tal-imputat, filwaqt li l-imputat rikeb bħala passiġġier fl-istess vettura. Għall-ħabta tal-10.30 a.m., waqt li Zammit kien fil-kontroll tal-vettura proprjeta` tal-imputat, fl-inħawi ta'

Ħal Għaxaq, sar impatt żgħir bejn il-vettura tal-imputat u vettura tal-għamla Honda Jazz misjuqa minn ċertu Christina Cassar. Jirriżulta illi fil-waqt li kemm Cassar, kif ukoll Zammit ħarġu mill-vettura, l-imputat li sussegwentement ukoll ħareġ mill-vettura, fi stat ta' sokor, insulta lil Cassar u lissen kliem faħxi fil-pubbliku u f'mument minnhom, daħal fil-vettura u saq 'l hemm, fil-waqt illi ħalla lil Zammit warajh fejn eventwalment instab mill-pulizija. Fil-frattemp, Cassar irrapportat dan l-akkadut ġewwa l-Għassa tal-Pulizija taż-Żejtun. Fil-waqt li Zammit ikkonferma dak li ġie rrapportat minn Cassar, ftit tal-ħin wara l-vettura tal-imputat instabet waħedha, miftuħa u waqt tfittxija li saret fiha, instabu pakketti b'sustanza, kemm fil-bieba tax-xufier, kif ukoll fil-*console* ta' quddiem, liema sustanza jirriżulta li kienet kokaina.

Sussegwentement, wara li l-pulizija għamlet diversi tentattivi sabiex tirrintraċċa u tkellem lill-imputat, minn rajh dan mar ġewwa l-Għassa taż-Żejtun fejn ġie arrestat u nterrogat.

Jingħad ukoll illi fil-waqt li l-imputat kien għarraf lill-pulizija li huwa kien ħareġ mid-dar għall-ħabta ta' nofsilejl[37] biex imur ġewwa l-*Carribean Bar*, fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, huwa jgħid illi dakinhar huwa kien wasal ġewwa l-imsemmi *bar* għall-ħabta tad-9.30 p.m. Madankollu l-valur probatorju ta' dan ma jidhirx li huwa ta' sinifikat daqs kemm jistgħu jkunu l-movimenti tal-imputat u ta' Zammit bejn il-ħin li huma telqu mill-*Carribean Bar* sal-ħin li seħħ l-inċident in kwistjoni u wara, sakemm instabet il-vettura.

Fir-rigward il-Qorti tosserva illi l-imputat, li jinsisti li ma jiftakar xejn kawża tas-sokor li kien jinsab fih, ma jagħti l-ebda indikazzjoni dwar dan fl-istqarrijiet rilaxxjati minnu u fix-xhieda tiegħu. Fix-xhieda tiegħu, Zammit madanakollu jsemmi xi qadi li allegatament kienu għamlu hu u l-imputat il-Belt fis-6.30 a.m. qabel seħħ l-inċident in kwistjoni. Min minnhom kellu l-ħtieġa li jagħmel dan ftit li xejn jirriżulta. Fir-rigward fix-xhieda tiegħu l-istess Zammit jgħid "*U morna l-Belt, kellna xi qadja u hekk u nzilna 'l isfel*"[38], fil-waqt illi skont l-Ispettur Fenech, Zammit kien stqarr mal-pulizija illi hemmhekk l-imputat mar ikellem lil xi ħadd li Zammit ma kienx jaf min hu. Madankollu, Zammit la xehed dwar din il-parti tal-istqarrija tiegħu u lanqas ma ġie mistoqsi mill-Prosekuzzjoni dwarha jew dwar x'kienet il-qadja li kellhom jagħmlu l-imputat u hu ġewwa l-Belt Valletta fis-6.30 a.m. Il-Qorti għandha s-suspetti tagħha għaliex l-imputat u Zammit iddeċidew li jmorru l-Belt f'dawk il-ħinijiet bikrija ta' filgħodu. Dan qed jingħad ukoll b'mod partikolari għaliex la mix-xhieda ta' Zammit u wisq inqas minn dik tal-imputat, ma jirriżulta

[37] Ara r-rapport tal-pulizija esebit a fol. 33A tal-proċess.
[38] A fol. 50 tal-proċess.

x'ġara bejn is-6.30 a.m., meta suppost allura l-imputat u Zammit għamlu qadja l-Belt, u l-10.40 a.m. jew il-10.45 a.m. meta seħħ l-inċident in kwistjoni ġewwa Triq B'Buġia, Ħal Għaxaq. Dwar dan, Zammit jgħid biss illi wara li marru l-Belt, kienu neżlin lejn B'Bugia u seħħ l-inċident in kwistjoni.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Il-Qorti tqis illi l-imputat kostantement ċaħad illi huwa kien jagħmel użu mid-droga, illi huwa kellu d-droga fil-pussess tiegħu fil-jum in kwistjoni jew illi qatt biegħ xi droga u ċaħad ukoll illi huwa kellu x'jaqsam mad-droga li nstabet fil-vettura tiegħu, jew illi din kienet tiegħu. Anzi jgħid illi ma jiftakar xejn dwar il-lejl in kwistjoni u ma jaf xejn dwar din id-droga. Il-Qorti tqis ukoll illi mis-*Social Inquiry Report* jirriżulta illi l-imputat jgħix ħajja pjuttost stabbli, illi r-riskontri mal-ġustizzja da parti tiegħu kienu minimi, kif jirriżulta mill-fedina penali tiegħu, u illi huwa qatt ma ġie akkużat b'reati relatati mad-droga jew fittex għajnuna dwar użu jew problemi ta' droga.

Dawn il-fatti waħedhom, evidentement, mhumiex biżżejjed sabiex din il-Qorti tgħaddi sabiex tillibera lill-imputat mill-imputazzjoni odjerna, stante illi l-fatt li l-imputat ma jkunx jagħmel jew ma jkunx f'xi żmien għamel użu mid-droga ma jfissirx illi huwa ma jistax jinstab ħati ta' pussess ta' droga; l-użu u l-pussess tad-droga huma diversi u distinti minn xulxin tant illi l-pussess tad-droga li m'hijiex intiża għall-użu tal-ħati twassal sabiex il-pussess jiġi kkunsidrat bħala wieħed aggravat, fejn allura l-piena għar-reat hija waħda ferm iżjed serja minn dik għall-pussess għall-użu personali.

Mill-banda l-oħra, jeħtieġ illi din il-Qorti tkun konvinta sal-grad li titlob il-liġi li l-imputat ikun tassew ħati tar-reat li huwa jkun mixli bih.

Mill-assjem tal-provi jirriżulta bil-bosta evidenti illi l-imputat ma kellux il-kontroll tal-vettura tiegħu fil-ħin li seħħ l-inċident, li allura jirriżulta li kienet misjuqa minn Zammit. Ma ġietx lanqas kontradetta x-xhieda ta' Zammit fis-sens illi l-vettura kienet misjuqa minnu x'ħin huma telqu mill-*Carribean Bar* ġewwa Birżebbugia fis-sigħat bikrija ta' filgħodu. Dan il-Qorti qegħda tgħidu għaliex parti mid-droga kokaina nstabet fuq in-naħa tax-xufier, fejn għal xi ħin kien bil-qegħda Zammit u mhux l-imputat, għalkemm l-imputat saq il-vettura meta wasal ġewwa l-imsemmi *bar* u wara l-inċident, meta saq l-istess vettura sakemm telaqha fejn eventwalment instabet.

Wara li qieset il-provi prodotti, il-Qorti ftit li xejn hija konvinta minn dak li ssostni d-difiża fit-trattazzjoni finali tagħha fis-sens illi l-vettura probabbli sar xi ħaġa fiha fil-ftit ħin li l-imputat telaqha mal-ġenb tat-triq. Lanqas ma tista' din il-Qorti tistrieħ fuq dak li taċċenna għalih id-difiża u ċioe` illi la darba Zammit jgħid li ma ra l-ebda droga fil-vettura fil-ħin li kien qed isuqha hu (meta skont il-pulizija din kienet tassew viżibbli), allura din ma kinitx fejn instabet, fil-ħin li Zammit kien qiegħed isuq l-istess vettura.

Il-Qorti tissuspetta illi d-droga li nstabet fil-vettura tal-imputat kienet tappartjeni, tal-inqas in parte, lill-istess imputat, kif effettivament kienu jappartjenu lill-istess imputat l-oġġetti l-oħrajn li tħallew minnu u li nstabu fil-vettura tiegħu. Il-Qorti jidhrilha wkoll illi huwa pjuttost evidenti li l-imputat jagħmel kull tentattiv sabiex jisvija lil din il-Qorti dwar din id-droga. Apparti li fil-fehma tal-Qorti, konvenjentement, huwa jsostni li ma jiftakar assolutament xejn dwar il-lejl in kwistjoni, ħlief li wasal ġewwa l-*bar* imsemmi, xtara xi *drinks* u mbagħad xorob mill-alkohol li offrielu ħaddieħor, kumbinazzjoni jiftakar – fil-waqt li bil-ġurament tiegħu jgħid kemm il-darba li ma jiftakar xejn - illi huwa ħalla ċ-ċavetta tal-vettura fuq il-*bar* waqt li kien qiegħed jixrob hemmhekk.

Il-Qorti tqis ukoll illi lanqas ma temmen lill-imputat meta jgħid illi huwa ma kienx jaf lil Zammit, ħlief minn wiċċu għaliex kienu mill-istess raħal, meta l-istess Zammit spiċċa jsuq il-vettura tiegħu għaliex huwa kien fi stat ta' sokor, saħansitra ħadu l-Belt sabiex jagħmlu qadju u anke qattgħu madwar erba' sigħat flimkien qabel seħħ l-inċident in kwistjoni. In oltre kif ingħad iżjed 'il fuq, il-Qorti għandha s-suspetti serji tagħha għalfejn Zammit u l-imputat għażlu li jmorru l-Belt f'dawk il-ħinijiet bikrija ta' filgħodu u dwar x'seta' sar bejn dak il-ħin u l-ħin tal-inċident.

Madanakollu s-suspetti, kbar kemm huma kbar, mhumiex biżżejjed sabiex tinstab ħtija fl-imputat u l-Qorti tqis illi l-atti probatorji jħallu dubji serji fil-każ odjern, bir-riżultat illi ma jkunx *safe and satisfactory* li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjoni odjerna. Minkejja li jirriżulta mix-xhieda tar-rappreżentant tal-Awtorita` tat-Trasport illi l-vettura li fiha nstabet id-droga kienet tappartjeni lill-imputat odjern, mhuwiex dubitat, kif ġia ingħad, illi Zammit kien ħa l-kontroll tal-vettura għal xi ħin, li ma jidhirx illi kien ħin tant qasir. F'dawn iċ-ċirkostanzi, il-Qorti tqis illi ma jistax jiġi eskluż illi din id-droga setgħet tqiegħdet jew tħalliet fil-vettura minn xi ħadd, li mhuwiex l-imputat odjern. Hawnhekk il-Qorti tinnota wkoll illi fil-jum in kwistjoni, il-pulizija la għamlet tfittxijiet fir-residenza tal-imputat u lanqas f'dik ta' Zammit sabiex tistabilixxi jekk kellhomx xi konnessjoni mad-droga u in oltre minkejja li ġew elevati u esebiti żewġ *mobile phones* appartenenti lill-imputat odjern f'dawn il-proċeduri, il-Prosekuzzjoni baqgħet ma talbitx illi dawn jiġu analizzati minn espert maħtur mill-Qorti. Għalhekk l-unika prova li ressqet il-Prosekuzzjoni

hija dik dwar id-droga li nstabet fil-vettura tal-imputat, dwar liema ċ-ċirkostanzi fuq deskritti jqanqlu dubju, illi ma jistax ħlief imur favur l-imputat u jwassal lill-Qorti sabiex tilliberah mill-imputazzjoni odjerna.

**Konklużjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed issib lill-imputat **Fabian Magro** mhux ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u qegħda tilliberah minnha.

Tordna r-rilaxx tal-*mobile phones* esebiti bħala Dok JF 1 favur l-istess imputat.

In oltre tordna d-distruzzjoni tad-droga formanti parti minn Dok. JF 2, JF 3 u JF 4 hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat